MISSION FUND

No. 104 Settembru 2012 - Novembru 2012

NEWSPAPER POST




EDITORIAL

Għeżież Membri u Ko-operaturi,

## NIPPREPARAW BIEX NIĊĊELEBRAW

F'dawn l-aħħar erba' snin fuq talba ta' żewġ Missjunarji Maltin, il-voluntiera tal-Mission Fund ħdimna fuq tlett proġetti fit-Tanżania. Dawn kienu bini ta' skola ġdida ta' 600 tifel u tifla, bini ta' estenzjoni ta' sptar u bini ta' sezzjoni tal-maternita` fl-istess sptar. Bl-għajnuna t'Alla, u b'sodisfazzjon għalina dan ix-xogħol twettaq u qed iħalli ħafna frott. Dan rajnieh b'għajnejna. Bkejna bil-ferħ u ċċelebrajna. Grazzi lilkom għeżież benefatturi tal-Mission Fund, li wrejtu fiduċja fina, għax bid-donazzjonijiet tagħkom stajna ngħinu u għamilna differenza fl-għixien ta' ħafna nies fil-bżonn.

Din is-sena l-esperjenza tagħna se tkun fl-Indja, pajjiż enormi, kultura differenti minn tagħna u għalkemm ekonomikament b'saħħtu, għandu ħafna faqar u bżonnijiet speċjali. Qabel insemmi l-proġett, nixtieq nagħti xi tagħrif interessanti li tatna Marcette Buttiġieġ, Missjunarja lajka Maltija, li ilha 32 sena taħdem bħala *'social worker'* mal-Ġiżwiti fl-Indja. Il-Ġiżwiti Maltin ilhom 80 sena fl-Indja, jxandru l-Bxara t-Tajba, jedukaw, jieħdu ħsieb kliniċi tas-saħħa, u jħarġu katekisti għax-xogħol pastorali f'postijiet rurali. Investew speċjalment fl-edukazzjoni u jmexxu ħafna skejjel u kulleġġi fid-Djoċesi ta' Dumka, fir-Reġjun ta' Jharkhand fejn hemm tmien Missjunarji Maltin.
Il-proġett għal din is-sena huwa bini ta' *'hostel'* għal 250 studenti bniet tribali, bħala estenzjoni ta' kulleġġ fir-raħal ta' Maharo. Dawn l-istudenti huma tfal ta' familji foqra, tfal ta' bdiewa li jgħixu b'dak li jirnexxilom jipproduċu, studenti li jipromettu, pero` bi problemi finanzjarji u li għandhom distanzi tant twal, li jagħmluha mpossibli li jkomplu l-iskola, jekk mhux bħala *'border students'* u jmorru d-dar fil-vaganzi biss.

Bħala preparazzjoni għal dan il-proġett, ilna nippreparaw, anzi aktar mis-soltu, minħabba diversi raġunijiet. Din hija l-ewwel sena li l-Mission Fund sejjer fl-Indja. Sibna ħafna diffikultajiet ta' proċeduri twal u tedjanti aktar minn dawk fl-Afrika u l-Amerika Ċentrali. Il-grupp, li għal din l-esperjenza ser ikun ta' 21 voluntier, ilu jigi ppreparat mill-bidu ta' Jannar għal dan il-għan. Il-kontejner li soltu nibagħtu mhux vijabbli li jintbagħat fl-Indja u għalhekk ħsibna biex il-ħtiġijiet insibuhom fuq il-lant tax-xogħol meta naslu. Għal dan qed taħsbilna Marcette.

**Ġbir ta' fondi.** Mhux faċli li tinġabar is-somma kollha li jiswa dan il-*hostel*, għax il-proġett huwa kbir u ambizzjuż. Pero` Alla l-Imbierek jieħu ħsieb jipprovdilna Hu dak li għandna bżonn. Ilna minn Frar nibaghtu € 10,000 kull xahar biex jinxtara l-materjal, isiru pedamenti u pilastri tal-konkrit li jiffurmaw il-qafas tal-binja. Naturalment dan ix-xogħol qed isir minn nies tal-lokal, fejn il-paga hi ekwivalenti għal madwar żewġ ewro għal kull ġurnata ta' għaxar siegħat. Dawn il-preparamenti jinvolvu ħafna ħin, korrispondenza, paċenzja u taqtiegħ il-qalb. Grazzi u prosit lill- koordinaturi tagħna, u lil Alla l-Imbierek li mhux ser jiddiżappuntanta u żgur ser jagħtina dak li neħtieġu.

Grazzi tal-ġenerosita` tal-Maltin u l-Għawdxin, u grazzi lil Mulej Alla li se jerġa` jinqeda bil-Mission Fund biex iwassal dan ir-rigal tagħkom lill-ħutna fil-missjoni. Nawguraw li dan il-proġett jitgawda għal ħafna snin, minn dawk li ilhom joħolmu bih u hekk jasal ukoll iż-żmien li niċċelebraw.

Frans Scicluna - Membru tal-Kumitat

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon. - Fri. 9am - 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
Il-**Mission Fund** hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji - Reg. No. VO/0015

**DONAZZJONIJIET MOGĦTIJA LILL-MISSJUNARJI BEJN JANNAR U AWWISSU 2012**

***Ingħataw 1,500 euro lil dawn il-missjunarji bħala donazzjoni:***

1) Sr. Marie B. Aquilina (EGYPT)
2) Fr. Joe Alessandro (KENYA)
3) Sr. Vincenza Vella (TUNESIA)
4) Fr. Victor Livori (PERU`)
5) Fr. Emm. Parnis (PERU`)
6) Sr. Nathalie Abela (PAKISTAN)
7) Sr. Grazia Schembri (EGYPT)
8) Mr. Hector Pickard (PERU`)
9) Sr. Josephine Borg (PAKISTAN)
10) Sr. Carmen Farrugia (ISRAEL)
11) Ms. Monica Tonna Barthet (ETHOPIA)
12) Ms. Maris Camilleri (PERU`)
13) Sr. Eufemia Buhagiar (PARAGUAY)
14) Sr. Anna Savona (ISRAEL)
15) Sr. Rose Therese Sant (ISRAEL)
16) Sr. Catherine Farrugia (ZAMBIA)
17) Fr. Bernard Mallia (S. SUDAN)
18) Fr. Joseph Galea (KENYA)
19) Fr. Joe Cilia (INDIA)
20) Fr. Lawrence Essery (TUNESIA)
21) Sr. Carmela Sammut (PAKISTAN
22) Sr. Helen Jones (EGYPT)
23) Sr. Josepha Gauci (KENYA)
24) Sr. Teodorata Aquilina (BRAZIL)
25) Sr. Maria Micallef (BRAZIL)
26) Fr. Anthony Fenech (EGYPT)
27) Fr. Joseph Cremona (PHILIPPINES)
28) Missionary (INDIA)
29) Fr. Alex Busuttil (PERU`)
30) Sr. Maria Grech (ISRAEL)
31) Sr. Graziella Camilleri (REP. OF CONGO)
32) Sr. Dolores Gauci (PAKISTAN)
33) Sr. Marianne Farrugia (PHILIPPINES)
34) Fr. Anton Scerri (INDIA)
35) Msgr. Peter Baldacchio (BRITISH W. INDIES)
36) Sr. Giustina Aquilina (PAKISTAN)
37) Fr. Frank Cortis (PERU`)
38) Fr. Carmel Borg (BRAZIL)
39) Fr. Daniel Farrugia (LIBYA)
40) Fr. Richard Ebejer (GHANA)
41) Fr. Geoffrey Bugeja (ALBANIA)
42) Sr. Carmen Sammut (ETHIOPIA)
43) Fr. Richard Attard (BRAZIL)
44) Mr. Rainer Bezzina (ALBANIA)
45) Mr. Mario Bezzina (KENYA)
46) Fr. George Keers (BOLIVIA)
47) Fr. Albert Brincat (BOLIVIA)
48) Mr. Anthony Farrugia (PERU`)
49) Mr. Hubert Balzan (PERU`)
50) Mr. Stephen Zammit (PERU`)
51) Fr. Bernard Caruana (ALBANIA)
52) Fr. George Bezzina (KENYA)
53) Mr. Oliver Aquilina (KENYA)
54) Sr. Gaetana Bonello (INDIA)
55) Sr. Serafina Grima (INDIA)
56) Sr. Ludgarda Camilleri (ETHIOPIA)
57) Fr. Adeodato Schembri (BRAZIL)
58) Fr. Emidio Saliba (INDIA)
59) Sr. Sandra Cassar (KENYA)
60) Sr. M'Rose Muscat (ISRAEL)
61) Sr. Emmanuela Micallef (ISRAEL)
62) Sr. Rachele Agius (PAKISTAN)
63) Fr. Lewis Zammit (INDIA)
64) Fr. Lucian Borg (CUBA)
65) Fr. Marcell Portelli (PERU`)
66) Fr. Anthony Gatt (INDIA)
67) Mario & Audrey Borg (GUAM)
68) Mr. Damian Formosa (KENYA)
69) Sr. Victoria Vassallo (ETHIOPIA)
70) Fr. Joseph Camilleri (GUATEMALA)
71) Sr. Celia Agius Vadala (PHILIPPINES)
72) Sr. Dolores Fenech (TAIWAN)
73) Sr. Miriam Cassar (S. AFRICA)
74) Sr. Catherine T. Maniscalco (PHILIPPINES)
75) Mr. Joseph Buhagiar (GEORGIA)
76) Sr. Marie Louise Grech (POLAND)
77) Fr. Joseph Pullicino (ETHIOPIA)
78) Mr. Joseph Buttigieg (CUBA)
79) Fr. Salvator Vella (BRAZIL)
80) Fr. Paul Aquilina (INDIA)
81) Sr. Celeste Buhagiar (PAKISTAN)
82) Sr. Michelina Micallef (KENYA)
83) Fr. Anton Grech (GUATEMALA)
84) Fr. Saviour Cutajar (BRAZIL)

***Ingħataw 3,000 euro lil dawn l-Isqfijiet missjunarji bħala donazzjoni***

| | |
|---|---|
| 1) Mons. George Frendo (ALBANIA)<br>2) Mons. Paul Darmanin (KENYA) | 3) Mons. Joseph Bonello (HONDURAS)<br>4) Mons. Sylvester Magro (LIBYA) |

| | |
|---|---|
| Proġetti ta' l-Esperjenza Missjunarja sa Awwissu 2012 | €71,000 |
| Donazzjonijiet minn 01.01.2012 - 31.08.2012 | €138,000 |
| Donazzjonijiet minn 01.03.1984 - 31.12.2011 | €3,149,71 |
| Donazzjonijiet totali minn mindu twaqqfet il-Mission Fund | €3,358,710 |

---

**DONAZZJONIJIET ONLINE:**
Issa tista' tagħti d-donazzjonijiet tiegħek lil Mission Fund direttament minn fuq il-*website* tagħna www.missionfund.org.mt fil-kumdita' tiegħek mid-dar. Żur dan is-sit elettroniku u għafas il-link "*Make a donation*". Tista' tuża cards bhal; VISA, Mastercard, BOV Cashlink, APS Premier u HSBC Quickcash. Jekk tippreferi tista' wkoll tagħmel trasferiment bankarju dirett f'wieħed minn dawn il-kontijiet:

* BOV: 163 007 980 19 — * HSBC: 061 197 448 050
* APS: 200 008 207 62 — *BANIF: 000 879 63101

**Aħjar Donazzjoni minflok Souvenir:**

*Qed inniedu din l-iskema fuq suġġerimenti ta' persuni li diġa offrew donazzjoni lill-Mission Fund fl-okkazjoni tat-tieġ tagħhom, minflok li taw souvenir lil mistednin.*

*Il-Mission Fund għandha għażla ta' kartolini bil-kliem 'Grazzi' kif ukoll 'bookmarks' li jistgħu jingħataw minflok is-souvenir.*

*Tistgħu iżżidu l-ferħ tagħkom f'din l-okkazjoni sabiħa billi toffru tama lil persuni fil-bżonn. Kull min hu interessat għandu jċemplilna l-uffiċċju 21413664 jew 99262626 għal aktar informazzjoni.*

**GRAND LOTTERY 2012:** Il-lotterija telgħet nhar il-Ħadd 26 t'Awissu, 2012. L-ewwel premju: numru 005495, G. Agius minn Ħal Qormi (Television Telefunken LCD 32" Flat Screen). It-Tieni premju: numru 56644, D. Mercieca minn Victoria Għawdex (X-Box 360 Black Elite-S 4GB Console). It-Tielet premju: numru 72953, W. Montebello minn San Ġiljan (One4All Gift Voucher ta' €100). Ir-raba' premju : numru 07513, D. Zammit Cutajar minn Baħar-iċ-Ċagħaq (Fujifilm Finepix AV 130 Digital Camera komplit b'SD card ta' 2GB). Il-lotterija ħalliet qliegħ ta' aktar minn €9,860 b'risq il-missjunarji Maltin u Għawdxin f'pajjiżi tat-Tielet Dinja.

**TOP UP CARDS:** Sakemm nerġgħu navżaw, nitolbukom biex MA TIBGĦATUX aktar mobile phones top-up cards minflok tistgħu tibghatuhom lill-Patrijiet Kapuċċini, il-Florjana.

**BEJGĦ TAT-TELECARDS:** Għandna għal bejgħ ammont konsiderevoli ta' telecards ta' Malta u ta' barra. Kull min hu interessat għandu jċemplilna l-uffiċċju għal aktar informazzjoni.

**IRĊEVUTI FISKALI TAL-VAT:** Bi pjaċir inħabbru li permezz tal-irċevuti tal-VAT, il-Mission Fund reġa rebaħ is-somma sabiħa ta' €11,647. Inħeġġukom li tibqgħu tagħtuna l-irċevuti (MHUX IMMARKATI) fil-bidu tax-xahar (MHUX AKTAR TARD MILL-EWWEL ĠIMGĦA) biex aħna nkunu nistgħu nimmarkawhom u nibgħatuhom lid-Dipartiment tal-VAT, f'isem il-Mission Fund, fil-ħin u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjunarji.




***FOR SALE:***

**Brand New Coinage Books:** **A)** From Scudo to Sterling - €20 (rrp €53)
**B)** Malta - The History of Coinage - €40 (rrp €93)

**Exercise Bike (As New)** **-** €50

Il-qliegħ minn dan il-bejgħ ser imur kollu għal Missjoni permezz tal-Mission Fund.

Tel. 21413664 (09.00 - 13.00)

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA:**

Nhar **il-Ħamis 1 ta' Novembru, 2012** ser issir quddiesa oħra għall-erwieħ ta' l-għeżież mejtin tagħna, ġewwa **San Antonio Hotel, Qawra fid-09.15, fil-bidu tal-attivita` tagħna ta' Buffet Breakfast.**

Ser isiru quddies oħrajn b'suffraġġju għall-erwieħ ta' l-għeżież mejtin tal-membri u l-benefatturi tal-Mission Fund fil-knisja ta' San Franġisk fi Triq Villambrosa il-Ħamrun f'dawn il-ġranet**: 5 ta' Ottubru** (08.30)**, 1 ta' Novembru** (18.30), **u 1 ta' Diċembru, 2012** (18.30)**.** Inwiegħdu lill-membri u lill-benefatturi tagħna li dawn jibqgħu dejjem f'qalbna u fit-talb tagħna kemm f'ħajjithom kif ukoll wara mewthom.

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni (minimum €5.00) għandu jimla l-formola t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba mejtin u jibgħathilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddies. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-missjunarji li intom stess qegħdin tgħinu fil-pajjiżi tal-missjoni.

------------------------------------------- aqta` hawn -------------------------------------------

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

*Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque jew money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ ta':*

_______________________________________________

_______________________________________________

ISEM: _______________________________________________

INDIRIZZ: _______________________________________________

_______________________________________________ POST CODE: ______________________

**L-ISKOLA PRIMARJA TAS-SIĠĠIEWI TOFFRI GĦAJNUNA LILL-MISSION FUND**

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Lulju 2012, il-Kap tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi flimkien mal-istaff tiegħu organizzaw barbecue b'risq il-Mission Fund. Il-preparamenti għal din l-attivita' saru kollha mill-istaff tal-iskola waqt il-vaganzi tas-sajf tagħhom. Fl-indirizz tiegħu lil dawk li attendew għall-attivita', id-Direttur Spiritwali tal-Mission Fund, Fr Marcellino Micallef OFM, tkellem dwar il-proġett li sar is-sena l-oħra mill-Mission Fund fi sptar immexxi minn Sr/Dr Maria Borda MMM f'Singida, it-Tanzanija. Fr. Micallef semma' ukoll il-proġett ta' din is-sena, li jikkonsisti f'bini ta' estenzjoni ta' skola sekondarja tal-bniet f'Maharo l-Indja, fejn hemm Ms. Marcette Buttigieg li ilha taħdem fl-Indja għal dawn l-aħħar 32 sena.

Il-Kap tal-Iskola, is-Sur Patrick Decelis, ippreżenta s-somma ta' € 1,300 li ttellgħet minn din l-attivita' lis-Sinjorina Sylvia Ebejer, il-President tal-Mission Fund, fil-preżenza ta' membri oħra tal-Kumitat. Parti minn din is-somma ġiet ġentilment mogħtija mis-sur Michael Schembri, wieħed mill-istaff tal-iskola.

Din mhix l-ewwel darba li l-istaff tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi organizzaw attivitajiet ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Mission Fund. F'attivita' li saret fl-20 ta' Mejju 2012, is-somma ta' € 150 kienet ġiet mogħtija lill-Mission Fund. Fl-14 ta' Ġunju 2012, il-Mission Fund kienet irċeviet donazzjoni oħra ta' € 715 li nġabret mill-istudenti u l-ġenituri tagħhom li attendew lezzjonijiet taż-Żumba li saru mis-Sinjura Graziella Buttigieg. F'Lulju tas-sena l-oħra kien sar barbecue ieħor li fih ingħatat donazzjoni oħra ta' € 630 lill-Mission Fund.

Il-fondi li jinġabru minn dawn l-attivitajiet jmorru kollha għall-bżonnijiet tal-Missjunarji Maltin u Għawdxin li qed jaħdmu f'40 pajjiż madwar id-dinja biex ixandru l-Bxara t-Tajba. Il-Kumitat tal-Mission Fund jixtieq jirringrazzja lill-Kap tal-Iskola Primarja tas-Siġġiewi u l-istaff tiegħu għal dawn l-inizjattivi.

---

**SKEMA SELF TA' FLUS:** Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund.

Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €52,000 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.

Il-BAZAAR SER JERĠA JIBDA JKUN MIFTUĦ MILL-BIDU TA' OTTUBRU,
KULL NHAR TA' ĦAMIS BEJN ID-09.30 - 12.30.
F'GARAXX NRU.27 FI TRIQ MARGERITA IL-MOSTA.
ISSIBU MIN KOLLOX BI PREZZIJIET BAXXI ĦAFNA WAQT LI
TKUNU QED TGĦINU LILL- MISSJUNARJI MALTIN.

**ĠURNATA MISSJUNARJA:**
**OTTUBRU: Ix-Xahar tal-Missjoni. Animazzjoni bejn l-14 u l-21 ta' Ottubru.**

- **Il-Ħadd 14 ta' Ottubru – Mixja għal Missjoni**
  09.45 Niltaqgħu fil-Knisja tal-Laboratorju tal-Paċi, Ħal Far, għal moment ta' talb.
  10.00 Nitilqu lejn iż-Żejtun via B'Buġia u M'Xlokk
  12.00 Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja ta' San Girgor, Żejtun.

Parteċipazzjoni b'donazzjoni libera. Ma' kull donazzjoni ta' €10 (kbar) / €5 (tfal) tingħata beritta missjunarja.
Ser ikun hemm trasport minn San Girgor għal Ħal Far bejn id-09.00 u 09.30 għal min irid.

- **Is-Sibt 20 ta' Ottubru**
  Fit-15.00 u fis-18.00 Musical 'Charm Sister' fit-Teatru ta' Dar San Vincenz de Paule, Luqa.

- **Il-Ħadd 21 ta' Ottubru - Ġurnata Missjunarja**
  MissionFest fil-pjazza prinċipali ta' M'Xlokk (quddiem il-Knisja) minn kmieni filgħodu sal-17.00. Ikun hemm diskussjoni, power points, etċ minn diversi gruppi missjunarji fis-Sala Parrokjali. Animazzjoni fuq il-palk, diskussjoni b'panel ta' rappreżentanti mill-għaqdiet. Area tat-tfal, bejgħ ta' ikel u xorb u oġġetti tal-missjoni.

  Fid-09.00 Quddiesa mxandra diretta fuq TVM mid-Domus Sagra Famiglia, Żejtun

# ATTIVITAJIET:

**1 TA' NOVEMBRU - BUFFET B'FAST:** ***San Antonio Hotel, Qawra***

*Nibdew b'quddiesa għall-erwieħ tal-benefatturi tagħna fid-09.15*
*li tkun iċċelebrata minn Fr. Karmenu Aquilina, OFM Cap.*
*Wara l-quddiesa Buffet Breakfast u Tombola. Nispiċċaw fis-1.30 pm*
***Prezz** €10 biss. Trasport jista' jiġi provdut bi ħlas addizzjonali.*

**18 TA' NOVEMBRU - TEA-TOMBOLA:** ***Imperial Hotel, Sliema fit-15.30***

*Biljetti jinkisbu mingħand diversi helpers tal-Mission Fund Tel. 21413664*
*kif ukoll mingħand Speranza Xuereb 21410860 / 79410860*
***Tħallux għall-aħħar biex ma' tkunux diżappuntati.***
*Il-prezz huwa **€7** bit-trasport u **€5** bla trasport u jinkludi l-entratura u l-'High Tea' għal persuna waħda.*
*It-tfal il-fuq minn 3 snin iridu jħallsu bħal kbar. Tfal bla biljetti ma jitħallewx jidħlu.*

**12 TA' DIĊEMBRU - IKLA TAL-MILIED:** *(Aktar dettalji izjed tard)*

*Ħallu din il-ġurnata libera u ejjew u ġibu magħkom lil tal-familja u lill-ħbieb tagħkom!*
*Dawk kollha li xi darba jew oħra ġew għal xi attivita` li torganizza l-Mission Fund, qatt ma ħarġu diżappuntati! Filwaqt li tkunu qiegħdin tiddevertu, tkunu wkoll qiegħdin tgħinu lil ħutkom anqas ixxurtjati minnkom fil-missjoni.*